MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 374/2002/1

**Malitraco Limited u Alfred Gatt, ghan-nom u in rappresentanza ta' d-ditta Alf. Gatt Autoparts.**

**Vs**

**Anthony Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf tminn mija u tlieta u sittin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm1863.62,0) in konnessjoni ma' l-bejgh u kunsinna lill-konvenut ta' merkanzija ('spare parts' u accessorji ghall-karrozzi) liema somma ghad mhux imhallsa u dan skond prospett (dok "A"), nonostante kuntratt datat 26 ta' Gunju 2001 (dok B).

Bl-ispejjez ta' l-avviz, ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-15 ta' Dicembru 2001 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Ottubru 2001

(kopji dok C u D) u bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug ta’ l-fatturi relattivi sa’ d-data ta’ l-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz u li jinsabu a fol 2 sa fol 21 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 29 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li preliminarjament ma tezisiti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet; u

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont rikjest huwa eccessiv, stante li saru diversi pagamenti u hemm kontestazzjoni dwar jekk saretx konsenja tal-merkanzija kollha li taghhom qed jintalab il-hlas, kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad, minnufih, illi din hi wahda mill-kawzi li fiha l-konvenut inghata diversi differimenti sabiex jgib il-provi tieghu in sostenn ta’dak eccepit minnu izda dan ma avverax ruhu (ara fol 37, fol 73 u fol 74 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tas-socjeta’ attrici, ingiebu diversi provi kemm orali kemm permezz ta’ dokumenti, kif ser jinghad:-

a) <u>Peter Grech</u> (fol 32 et seq ibid) in rappresentanza tas-socjeta attrici kif involuta ma’ Alf. Gatt Auto Parts fl-importazzjoni u bejgh ta’ ‘spare parts’ ta’ karozzi, kkonferma illi l-konvenut kien akkwista u xtara merkanzija kif deskritta fl-avviz u dan bejn nofs l-1998 sal-bidu tal-2001. Pero l-konvenut kien baqa’ lura mill-pagamenti

dovuti u ghalhekk, il-bejgh u konsenja lilu ta’ din il-merkanzija kienet waqfet. Sussegwentment, anke wara hrug da parti tal-konvenut ta’ diversi ‘cheqes’ mhux onorati, kien sar il-ftehim bejn l-istess partijiet skond kif muri fid-dokument anness ma dawn l-atti a fol 8 u fol 36. Skond dan il-ftehim, il-konvenut kien iddikjara ruhu cert u likwidu debitur fis-somma ta’ Lm1421.00,0 waqt li kien qed jikkontesta ghal xi raguni injota, is-somma ulterjuri ta’ Lm847.62,0. Inoltre l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont mhux kontestat bir-rata mensili ta’ Lm150 fix-xahar b’dan li jekk hu kien jonqos milli jhallas rata wahda, hu kien jitlef kull beneficcju tat-terminu u kull ammont ghadu dovut u li ma kienx kontestat, jkun esigibli minnufih. Inoltre in rigward l-ammont kontestat kellu terminu sabiex indika r-raguni jew ragunijiet ghal din il-kontestazzjoni. Dwar dan, il-konvenut kien ghamel biss, zewg pagamenti mensili waqt li qatt ma informa lis-socjeta attrici dwar ir-raguni jew ragunijiet tal-ammont kontestat, kif hemm fuq specifikat. Inoltre l-istess xhud, oltre li kkonferma l-prospett tal-ammont kollu dovut mill-konvenut u li jinsab anness mal-atti a fol 2 sa fol 7, specifika illi l-akkwist tal-merkanzija involuta kienet saret mill-konvenut, personalment, u l-konvenut qatt ma kien semma illi kien qed jagixxi u jakkwista f’isem xi persuna guridika liema fatt jirrisulta mill-sitess ftehim imsemmi u anness a fol 8 tal-atti (ara ukoll ix-xhieda ta’ Sandro Gatt a fol 38 et seq ibid u ta’ Joseph Farrugia a fol 68 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher evidenti u ma ghandu jkun hemm ebda dubbju dwar dan, illi l-ammont mitlub fl-avviz, hu dovut mill-konvenut (ara ukoll fol 41 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta‘ Lm1863.62,0 bl-imghax legali mis-26 ta’ Gunju 2001, id-data tal-ftehim imsemmi, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpelaltorja tal-15 ta’ Ottubru 2001 u ta’ dik ufficjali tal-24 ta’ Ottubru 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------